

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (l-Irlanda) fit-3 ta' Mejju 2022 – NN vs An Bord Pleanála, L-Irlanda u Attorney General**

(Kawża C-301/22)

(2022/C 276/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

High Court

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: NN

Konvenuti: An Bord Pleanála, L-Irlanda u Attorney General

Intervenjenti: Bradán Beo Teoranta u Galway County Council

**Domandi preliminari**

1. (a) L-Istati Membri huma meħtieġa jikkarterizzaw u sussegwentement jikklassifikaw il-korpi kollha tal-ilma, irrisspettivament mid-daqs tagħhom, u b'mod partikolari hemm obbligu ta' karakterizzazzjoni u ta' klassifikazzjoni tal-lagi kollha b'superfiċċi topoloġika ta' inqas minn 0,5 km<sup>2</sup>
  - (b) Sa liema estent, jekk xejn, tvarja r-risposta fir-rigward ta' korpi tal-ilma f'żona protetta?
2. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-punt (a) tal-ewwel domanda, awtorità kompetenti tista' għall-finijiet ta' awtorizzazzjoni ta' żvilupp tagħti awtorizzazzjoni ta' żvilupp għal proġett li jista' jaffettwa l-korp tal-ilma qabel ma dan jiġi kkategorizzat u kklassifikat?
3. Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-punt (a) tal-ewwel domanda, x'inħuma l-obbligi ta' awtorità kompetenti meta hija tkun qiegħda tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal żvilupp li potenzjalment jaffettwa korp tal-ilma mhux ikkaratterizzat u/jew ikklassifikat?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Højesteret (id-Danimarka) fl-10 ta' Mejju 2022 – Anklagemyndigheden vs PO u Moesgaard Meat 2012 A/S**

(Kawża C-311/22)

(2022/C 276/11)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

**Qorti tar-rinviju**

Højesteret

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Anklagemyndigheden

Konvenuti: PO u Moesgaard Meat 2012 A/S.

**Domandi preliminari**

- 1) Il-punt 6.4(a) tal-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissionijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tnejggs) (<sup>1</sup>) għandu jiġi interpretat fis-sens li “produzzjoni ta’ karkassi” tkopri l-proċess ta’ tbiċċir, li jibda meta l-annimal jitneħħa mill-kenn tiegħu, jiġu stordut u jinqatel, u jispiċċa meta jiġu prodotti l-qatgħat kbar standard, sabiex il-piż tal-annimal imbiċċer jiġi kkalkolat qabel ma jitneħħew l-għonq, ir-ras, kif ukoll l-organi u l-intestini, jew “produzzjoni ta’ karkassi” tfisser il-produzzjoni ta’ karkassi ta’ ħnieżer wara li jitneħħew l-għonq, ir-ras, kif ukoll l-organi u l-intestini, u wara żvinar u tkessiħ sabiex il-piż tal-annimal imbiċċer jiġi kkalkolat biss f'dan il-waqt?

- 2) Il-punt 6.4(a) tal-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) għandu jiġi interpretat fis-sens li meta jiġu ddeterminati n-numru ta' ġranet ta' produzzjoni inklużi fil-kapaċità "kull jum", għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-ġranet li fihom jitwettqu l-isturdament, il-qtil u t-tqattigħ immedja tal-ħanżir imbiċċer, jew għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-ġranet li fihom jitwettqu l-operazzjonijiet ta' slih, li jinkludu l-preparazzjoni tal-animal għat-tbiċċir, it-tkessiħ tal-animal imbiċċer u t-tnejħhiha tar-ras u tal-għonq tal-animal?
- 3) Il-punt 6.4(a) tal-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-“kapaċità” ta’ biċċerija għandha tiġi kkalkolata bħala l-produzzjoni massima għal kull jum f’24 siegħa, bla īxsara għal-limitazzjonijiet fiziċċi, tekniċi jew legali li l-biċċerija effettivament tikkonforma ruħha magħħom, iżda mhux inqas mill-produzzjoni milħuqa tagħha, jew il-“kapaċità” tal-biċċerija tista’ tkun inqas mill-produzzjoni milħuqa, pereżempju, fejn il-produzzjoni milħuqa minn biċċerija tkun twettqet b’nuqqas ta’ kunsiderazzjoni tal-limitazzjonijiet fiziċċi, tekniċi jew legali tal-produzzjoni li jiġu preżunti meta tiġi kkalkolata l-“kapaċità” tal-biċċerija?

(<sup>(1)</sup>) ĠU 2010, L 334, p. 17, rettifika fil-ĠU 2012, L 158, p. 25

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Como (I-Italja) fil-11 ta' Mejju 2022 – Gabel Industria Tessile SpA, Canavesi SpA vs A2A Energia SpA et**

**(Kawża C-316/22)**

**(2022/C 276/12)**

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Como

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Gabel Industria Tessile SpA, Canavesi SpA.

Konvenuti: A2A Energia SpA, Energit SpA, Agenzia delle Dogane e dei Monopoli.

**Domandi preliminari**

- 1) B'mod ġenerali, is-sistema tas-sorsi tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u, b'mod iktar partikolari, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE jipprekludu li qorti nazzjonali teskludi, f'tilwima bejn individwi, l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' dritt intern li tmur kontra dispożizzjoni ċara, preċiża u inkondizzjonata ta' direttiva mhux trasposta jew trasposta b'mod ħażin, bil-konsegwenza li timponi obbligu addizzjonali għal individwu, meta dan jikkorrispondi, fis-sistema ta' dritt nazzjonali (Artikolu 14(4) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/1995), bil-kundizzjoni minn qabel sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jasseriXXI kontra l-Istat id-drittijiet mogħti ja l-lu minn din id-direttiva?
- 2) Il-prinċipju ta' effettivitā jipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali (Artikolu 14(4) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/1995) li ma tippermettix il-konsumatur finali jitlob direttament lill-Istat ir-imbors tat-taxxa mhux dovuta, iżda li tirrikonoxxu biss id-dritt li jibda azzjoni ċivili għal ir-kupru ta' pagamenti mhux dovuti kontra l-persuna taxxabbi, l-unika persuna awtorizzata li tikseb ir-imbors min-naħħa tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa, meta l-uniku motiv ta' illegalitā tat-taxxa – jiġi fferi il-kuntrarjetà għal direttiva [tal-Unjoni] – jista' biss jiġi invokat fil-kuntest tar-relazzjoni bejn il-persuna taxxabbi u Amministrazzjoni tat-Taxxa iżda mhux fil-kuntest tar-relazzjoni bejn il-persuna taxxabbi u l-konsumatur finali, u b'hekk jostakola, fil-prattika, għall-effettivitā tar-imbors, jew għandu jirrikoxxi, biex jiżgura l-osservanza ta' dan il-prinċipju, ftali każ, id-dritt ta' azzjoni diretta tal-konsumatur finali kontra t-Teżor, bħala każ ta' impossibbiltà jew ta' diffikultà eċċessiva li jinkiseb mill-fornitur ir-imbors tat-taxxa mħallsa indebitament?